# HAWN NILTAQGĦU MA' S. GUŻEPP (5)

minn Tony Terribile

Għal dawn l-aħħar snin, permezz ta dan il-programm żorna diversi toroq fl-ibliet u rħula tagħna li fihom niltaqgħu ma' niċeċ u statwi ta' San Ġużepp. Din hi l-ħames dawra tagħna, u fiha se nżuru tlett irħula qodma Maltin li huma Ħal-Għargħur fejn insibu niċċa waħda, Ħaż-Żabbar fejn insibu tmien xbihat u l-Qrendi fejn insibu tlieta.

## ĦAL-GĦARGĦUR:

Hawn insibu niċċa waħda li tinsab fuq dar nru. 2, Triq il-Kbira. Hi niċċa arzellata sabieħa, iżda bħala dekorazzjoni hi sempliċi b'gwarniċa taħt u oħra fuq li fuqha jidher salib. Bħala statwa, għalkemm ma fihiex xogħol ħażin, hi miżbugħa ħażin u għalhekk għandha dehra kerha. Quddiemha naraw fanal antik tal-ħadid. L-Isqof Carmelo Scicluna kien żejjinha bl-indulġenzi għal min jitlob quddiemha.

## ŻABBAR:

L-ewwel niċċa insibuha fuq dar nru. 54 Triq Bajada. Hi niċċa kbira iżda sempliċi u llum hi mitluqa. Mad-dawra tan-niċċa għadhom jidhru l-granpuni li darba permezz tagħhom, kienu jiddendlu xi tazzi taż-żejt. Għadha wkol tidher il-ħoloq li magħha kien imwaħħal il-fanal.

F'kantuniera bejn Triq is-Santwarju u Triq il-Parroċċa niltaqgħu ma' statwa oħra mqiegħda fuq pedistall. L-ewwel impressjonijiet li jieħu meta wieħed iħares lejha, jinduna l-ewwelnett kemm hi qadima, mikula, immermra u xi partijiet ukoll miksura. Dawn jagħtuha dehra kerha, iżda meta wieħed jifli ċerti dettalji, jinduna li l-iskultura tagħha hi tajba. Skond l-istorja ta' Malta ta' Faure, din l-istatwa hi xogħol il-magħruf skultur Ġirolmu Fabri. Jekk dan hu minnu, u personalment naħseb li hu, jixraq li tkun miżmuma aħjar għax hi waħda mill-eqdem statwi ta' San Ġużepp f'Malta.

F'kantuniera bejn Triq Sant'Antnin u Triq San Ġużepp niltaqgħu ma' niċċa oħra ta' San Ġużepp. Hi niċċa li għandha 'l fuq minn mitejn sena għax fl-1783 l-Isqof Labini kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemha u sa llum għadha niċċa devota mannies ta' l-inħawi. Bħala niċċa hi kbira u arzellata u interessanti li ħdejn l-istatwa naraw tlett uċuh ta' l-anġli skulturati.

F'kantuniera bejn Triq Biċċieni u sqaq nru. 7, insibu niċċa oħra ta' S. Ġużepp. Hi niċċa mqegħda sempliċiment f'kantuniera. Bħala statwa fiha xogħol mhux ħażin iżda fuq kollox hi niċċa miżmuma tajjeb ferm, minn xi ħadd li joqgħod fil-qrib.

F'kantuniera bejn Triq is-Santwarju u Triq tal-Grazzja, insibu statwa oħra ta' San Ġużepp. Bħala niċċa tikkonsisti biss f'qasma f'kantuniera bi gwarniċa maħruġa 'l barra fuq innaħa t'isfel. Din hi niċċa oħra miżmuma tajjeb.

Fin-naħat tax-Xagħajra insibu statwa oħra ta' San Ġużepp. Din tinsab fuq dar nru. 43 Triq ix-Xagħjra. Xi ħadd dilettant żejjinha bi kwantita' ta' dekorazzjoni tal-ġebel maddawra li tawha dehra oriġinali. L-istatwa hi miżmuma tajjeb u magħluqa permezz tal-ħġieġ.

Ftit il-bogħod insibu niċċa oħra ta' San Ġużepp li tinsab fuq dar nru. 56 Triq ix-Xagħjra. Hawn għandna niċċa sempliċi ħafna, iżda l-istatwa fiha xogħol irfinut u ma tantx tidher li hi qadima. Fl-1936 kienu ġew mogħtija indulġenzi għal min jitlob quddiemu.

L-aħħar statwa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żabbar insibuha f'kantuniera permezz ta' pilastru. L-istatwa hi xogħol ta' Marco Montebello.

Din hi waħda mill-ftit statwi ta' San Ġużepp illi lil Bambin ma narawhx fuq driegħajh iżda bilwieqfa quddiem San Ġużepp li dan jidher imelles lil Bambin.

## QRENDI:

L-ewwel niċċa ta' San Ġużepp f'dan ir-raħal insibuha fuq dar nru. 20 Triq Ħaġar Qim. Hi niċċa arzellata, imżejna b'pilastru u kontropilastru fuq kull naħa li dawn jingħaqdu permezz ta' frontispizju. Filgwarniċa ta' taħt naraw dekorazzjoni li minnha jita brazz li darba kien hemm fanal fuqu.

Qadima sew tidher li hi n-niċċa li nsibu ħdejn dar nru. 34 Triq il-Kbira. Min ħadimha kien għaqli biżżejjed li mid-djuq tal-wiesa li kellu f'kantuniera, għaraf joħloq niċċa b'disinn tawwali u dejjaq li jagħmilha oriġinali fl-istil tagħha. L-istatwa, poġġuta fuq pedistall baxx, tidher li hi xogħol antik.

L-aħħar niċċa, fil-vista tagħna ta' din is-sena insibuha fuq dar nru. 8 Sqaq San Nikola. Hi niċċa żgħira u sempliċi imżejna bi gwarniċa fuq innaħa t'isfel, iżda hi niċċa miżmuma tajjeb.

# Id-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza

## PATRI ĠWANN AZZOPARDI
### Gwardjan — tal-Knisja ta' Ġiesu, Rabat



Imwieled il-Gżira fis-7 ta' Ottubru 1945.

Daħal mal-Patrijiet Franġiskani Minuri fid-9 ta' Ottubru 1960.

Professjoni sempliċi fl-10 ta' Ottubru 1961.

Ipprofessa Solenni fil-15 ta' Jannar 1967.

Sar Saċerdot fil-15 ta' Marzu 1971.

Okkupa l-kariġi ta' Vigarju u Viċi Mastru fil-kunvent tan-Novizzjat — Għawdex bejn is-snin 1978-1981. Qabel ma sar Gwardjan fil-Kunvent tad-Dar ta' l-Irtiri ta' Baħar iċ-Ċagħaq kien patri f'dan l-istess kunvent tar-Rabat.

Għamel żmien ukoll wara li qaddes f'Parroċċa l-Ingilterra.

Fil-preżent huwa wkoll distributur tar-Rivista Franġiskana "L-*Ara Imqaddsa*".